MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 11/2011

**Lawrence Zammit Haber**

**Vs**

**Elizabeth Everett**
**Raymond Zammit Haber**

Il-Qorti,

Rat li fir-rikors guramentat l-attur ippremetta hekk:

Illi zijuh Francesco Luciano Zammit Haber, bin il-mejtin Lorenzo Zammit Haber u Carmela nee' Scicluna miet guvni u *mprole* fl-ghaxra (10) ta' Jannar elfejn u sitta (2006), u rregola l-wirt tieghu permezz ta' tliet testmenti fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo wiehed tad-disa' u ghoxrin (29) ta' April elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) kif sussegwentement gie modifikat b'zewg testmenti ohra fl-atti tal-istess Nutar Dottor Michael Refalo

tat-tmintax (18) ta' Jannar elfejn (2000), u tal-hmistax (15) ta' Frar elfejn u wiehed (2001);

Illi permezz ta' dawn it-testmenti hawn fuq imsemmija, id-*decujus* halla diversi legati lir-rikorrent, fosthom hallielu in piena proprieta' id-dar numru tnejn (2), Pjazza San Gwann il-Battista, Xewkija, Ghawdex,li kienet ir-residenza tad-*decujus,* bl-ghamara u l-oggetti kollha mobbli, inkluzi kotba, dokumenti, flus kontanti, titoli li jirrapprezentaw flus, oggetti tad-deheb, fidda, u hagar prezzjus, u kull haga ohra illi fl-epoka tal-mewt tieghu jkunu jinsabu fl-istess dar [ara it-Tieni Artikolu tat-testment li sar mid-*decujus* fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-18 ta' Jannar 2000], u nnomina bhala eredi universali tieghu lin-neputijiet kollha tieghu wlied huh John Elia Zammit Haber, ad eccezzjoni tal-konvenuta Joan Zammit Haber, u cioe' lir-rikorrent u lil hutu l-ohra Patricia Fenech mart Raymond, John, Zakkarija, u l-konvenuti l-ohra Raymond u Elizabeth Everett mart Philip, ahwa Zammit Haber, u b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tad-disgha (9) ta' Jannar elfejn u sebgha (2007), ir-rikorrent gie immess fil-pussess tal-legati kollha li gew imhollija lilu mid-*decujus,* inkuz ghalhekk il-legat meritu ta' dan ir-rikors, mill-eredi kollha tad-*decujus* ad eccezzjoni tal-konvenuti Raymond Zammit Haber u Elizabeth Everett, li baqhu sallum ma ressqux biex issir l-immissjoni tal-legati minkejja li kienu gew interpellati ghal dan il-fini kemm verbalment u wkoll b'ittri ufficjali tal-21 ta' Ottubru 2008 [ittra numru 645/08 u 646/08 li gew debitament innotifikati lilhom];

Illi r-rikorrent irid li jigi immess fil-pussess ta' dan il-legat partikolari mill-intimati, imholli lilu bit-testment fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-18 ta' Jannar 2000;

Illi fost il-flus u t-titoli li jirraprezentaw flus li gew imhollija lir-rikorrent, id-*decujus* kellu depoziti u nvestimenti fil-banek lokali u kumpanniji ohra pubblici illistjati fil-Borza ta' Malta, li l-konsistenza u dettalji ohra taghhom jirrziultaw dettaljatament fil-kors tal-kawza;

L-attur talab ghalhekk lil din il-Qorti:

1. tordna u tikkundanna lill-konvenuti Raymond Zammit Haber u Elizabeth Everett bhala eredi tal-mejjet Francesco Luciano Zammit Haber li baqghu ma mmittewx lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat tad-dar numru tnejn (2), Pjazza San Gwann il-Battista, Xewkija,Ghawdex, li kienet ir-residenza tad-*decujus,* u wkoll tal-ghamara u tal-oggetti kollha mobbli fl-istess dar, inkluzi l-kotba, dokumenti, flus kontanti, titoli li jirraprezentaw flus, oggetti tad-deheb,fidda, u hagar prezzjus, u tal-hwejjeg l-ohra kollha li jinsabu fl-istess dar fl-epoka tal-mewt tad-*decujus* komprizi fil-legat, li l-konsistenza taghhom tirrizulta ahjar fil-kors tal-kawza;

2. tiffissa d-data, hin, u lok, u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legat imsemmi,minn dawn iz-zewg konvenuti, u tinnomina kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuti Raymond Zammit Haber u Elizabeth Everett, jew ta' xi hadd minnhom fuq il-kuntratt;

bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk tal-ittri ufficjali numru 645/08 tal-21 ta' Ottubru 2008, 646/2008 ukoll tal-21 ta' Ottubru 2008.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. Illi huma qatt m'opponew ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija lill-attur minn zijuhom Francesco Luciano Zammit Haber purke' huwa jimmittihom ukoll fil-pussess tal-legati mhollija lilhom mill-imsemmi Francesco Luciano Zammit Haber u minn ohtu Agnese Zammit Haber u jaghti rendikont tal-flus kollha li l-attur rcieva mill-kirjiet, qbiela u cnus tal-proprjeta' li wirtu l-partijiet u li ghadha in komun wara l-mewt ta' l-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u ta' ohtu Agnese Zammit Haber kif ukoll jaghti rendikont shih tal-proprjetajiet kollha tal-eredita' ta' l-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u ta' ohtu Agnese Zammit Haber.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti li permezz taghha ppremettew:

Illi l-partijiet, flimkien ma’ x’uhud minn huthom, huma l-eredi ta’ Francesco Luciano Zammit Haber u ohtu Agnese Zammit Haber li mietu fl-ghaxra (10) ta’ Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) u fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Gunju tas-sena elfejn (2000) rispettivament.

Illi l-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber irregolaw il-wirt taghhom billi individwalment ghamlu testmenti fl-atti tan-nutar Michael Refalo tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ April tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) u tat-tmintax (18) ta’ Jannar tas-sena elfejn (2000).

Illi l-imsemmi Francesco Luciano Zammit Haber successivament ghamel testment iehor fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-hmistax (15) ta’ Frar tas-sena elfejn u wiehed (2001).

Illi l-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber permezz ta’ dawn it-testmenti istitwew diversi legati favur il-konvenuti rikonvenjenti.

Illi inoltre’ l-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber istitwew bhala eredi taghhom il-partijiet kif ukoll huthom Zakkarija, John u Patricia mizzewga Fenech, ilkoll ahwa Zammit Haber.

Illi l-attur rikonvenut qed jirrifjuta illi jimmitti lill-konvenuti rikonvenjenti fil-pussess tal-legati mhollija lilhom mill-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber.

Illi l-wirt ta’ l-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber jinkludi bosta proprjetajiet li huma mikrija, moghtija b’cens jew imqabbla imma l-attur rikonvenut qatt ma ta rendikont lill-konvenuti rikonvenjenti

tac-cnus, kirjiet u qbiela li hu gabar minn dawn il-proprjetajiet wara l-mewt ta' Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber u lanqas ma qasam mal-konvenuti rikonvenjenti r-rikavat mill-imsemmi wirt.

Illi inoltre l-attur rikonvenut lanqas ma huwa jaghti informazzjoni shiha lill-konvenuti rikonvenjenti tal-konsistenza tal-wirt imholli lill-partijiet mid-*de cuius* u qed jirrifjuta illi jaghti access ghall-Cabreo li jelenka l-proprjeta' kollha tal-wirt tad-*de cuius.*

Ghalhekk il-konvenuti rikonvenjenti talbu lil din il-Qorti tordna :

1. Lill-attur rikonvenut illi jimmetti fil-pussess lill-konvenuti rikonvenjenti fil-legati mhollija lilhom mill-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber permess tat-testmenti sucitati;

2. tiffissa d-data, hin u lok u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legati imhollija lill-konvenuti rikonvenjenti mill-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber permess tat-testmenti sucitati da parti tal-attur rikonvenut u tinnomina kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumacja ta' l-istess attur rikonvenut;

3. taghti rendikont tar-rikavat kollu tac-cnus, kirjiet u qbiela derivanti mill-wirt ta' l-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber li ngabru mill-attur rikonvenut wara l-mewt tad-*de cuius;*

4. jaqsam l-istess rikavat mal-konvenuti rikonvenjenti kif ukoll l-eredi l-ohra tad-*de cuius* u

5. taghti access lill-konvenuti rikonvenjenti tal-lista ta' proprjetajiet tal-wirt tad- *de cuius* u senjatament ghall-Cabreo li huwa fil-pussess tal-attur rikonvenut sabiex il-konvenuti rikonvenjenti jkunu jafu l-konsistenza shiha tal-wirt tad- *de cuius.*

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra risponsiva tal-erbgha u ghoxrin (24) t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008).

Bl-ingunzjoni tal-attur ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba li permezz taghha eccepixxa:

1. Preliminarjament il-kontro-talba hija nulla billi ma hemmx in-ness volut mil-ligi bejn it-talba tal-attur u dik tal-konvenuti biex tiggustifika l-ghemil ta' tali talba;

2. In kwantu t-talba tal-konvenuti tinvolvi hwejjeg appartenenti lill-wirt tal-mejjet Francesco Luciano Zammit Haber partikolarment ghalkemm mhux limitatament, ghat-tielet (3), ir-raba (4), u l-hames (5) talbiet, il-gudizzju mhuwiex integru minghajr il-prezenza tal-werrieta kollha fil-kawza, u ghalhekk l-attur ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Inoltre' ghal dak li jirrigwarda l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet taghhom, il-konvenuti jridu jgibu prova wkoll li sallum gew immessi fil-pussess tal-prelegati mill-werrieta l-ohra tal-mejjet Francesco Luciano Zammit Haber;

3. Illi l-eredita' tal-mejta Agnese Zammit Haber ma tifformax parti mill-meritu tat-talba tal-attur, u ghaldaqstant it-talba jew talbiet tal-konvenuti in kwantu jikkoncernaw din l-eredita' ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li tali talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li m'ghandhom ebda konnessjoni mat-talba tal-attur;

4. Illi t-talba tal-attur hija dwar oggett partikolari, u cioe' l-immissjoni fil-pussess ta' legat ta' fond partikolari mill-mejjet Francesco Luciano Zammit Haber lill-attur, b'dak kollu li hemm go fih *a limine intus,* kuntrarjament ghal dak li qed jintalab mill-konvenuti rikonvenjenti li jigu immessi fil-pussess ta' legati ta' fondi ohra li ma jiffurmawx l-oggett tat-talba tal-attur;

5. Subordinatament u nterament minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur qatt m'oppona li jimmetti lill-

konvenuti rikonvenjenti fil-pussess tal-legati mhollija lilhom mill-mejjet Francesco Luciano Zammit Haber, l-istess bhalma ghamel fil-konfront ta' hutu Zakkarija, John, u Patricia Fenech, u kien ghamilhielhom cara lill-konvenuti li huwa dispost li jaghmel dan il-pass fl-ittri ufficjali li kienu gew spediti minnu fil-konfront taghhom tal-21 ta' Ottubru 2008 (Ittri numri 645/08 u 646/08). Kienu saru diversi laqghat quddiem in-Nutar Michael Refalo, li saru fuq inizjattiva tal-attur innifsu biex issir l-immissjoni fil-pussess tal-legati, u kienu l-konvenuti li baqghu jirrifjutaw il-kunsens taghhom ghal dan u ma wasslux ghal ftehim billi dahhlu fin-nofs kwistjonijiet ohra li qeghdin jipproponuhom f'dan il-gudizzju permezz tat-tielet (3), ir-raba' (4), u l-hames (5) talbiet taghhom. Kienu wkoll l-istess konvenuti li wara li kienet giet iffissata laqgha in segwitu ghall-ittra tal-Avukat Joseph Ellis tal-24 ta' Ottubru 2008, li ma kienux attendew ghaliha, u l-esponenti kien thalla jistenna ghal hin twil fl-ufficcju tal-Avukat Joseph Ellis u la gew il-konvenuti u lanqas l-avukat taghhom. L-eccipjenti tahom altru milli bizzejjed l-opportunita' u zmien lill-konvenuti biex jekk verament riedu, jersqu ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati, u kienu l-konvenuti li b'mod jew b'iehor naqqsu milli jaghmlu dan, u jekk il-kontro-talba taghhom jkollha tigi ammessa u tintlaqa', l-ispejjez kollha kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu akkollati kollha lill-konvenuti rikonvenjenti;

6. Ghal dak li jirrigwarda t-talbiet tal-konvenuti dwar ir-rendikont tar-rikavat kollu tac-cnus, kirjiet, u qbiela derivanenti mill-wirt ta' Francesco Luciano Zammit Haber u ta' ohtu Agnese Zammit Haber, l-ispartizzjoni tal-istess rikavat bejn l-eredi ta' dawn l-ahwa Zammit Haber, inkluz dawk l-eredi li mhumiex parti fil-kawza, u biex jinghataw access ghad-dokumenti li ghandu f'idejh l-attur imhollija lilu mill-mejjet Francesco Luciano Zammit Haber, halli jkunu jafu kien bghatilhom lill-konvenuti dan ir-rendikont u sehemhom mill-hlasijiet migbura, izda talli kien ha d-dokumenti u r-registri kollha ghand in-Nutar Michael Refalo fejn hallihomlu hemm halli l-konvenuti jkollhom access li jarawhom, u kienu l-istess konvenuti li naqqsu li jmorru u jezaminaw dawn id-dokumenti, u jekk il-kontro-talba taghhom jkollha tigi ammessa u tintlaqa', l-ispejjez

kollha kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu akkollati kollha lill-konvenuti rikonvenjenti;

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li fis-seduta tal-21 ta’ Gunju, 2011 il-Qorti ordnat li ghandhom jigu trattati l-ewwel tlett eccezzjonijiet tar-risposta tal-kontro-talba tal-konvenuti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenuti.

Rat li fis-seduta tal-11 ta’ Novembru, 2011 Dr Ellis talab aktar zmien biex jipprezenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu. Il-Qorti laqghet it-talba u akkordatlu sal-15 ta’ Dicembru 2011. Il-partijiet qablu li imbaghad il-kawza tista’ tibqa’ differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tat-28 ta’ Frar, 2012.

Rat li permezz ta’ nota prezentata minn Zakkarija Zammit Haber fil-kwalita’ tieghu ta’ mandatarju ta’ Raymond Zammit ceda r-raba’ talba rikonvenzjonali.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-konvenuti fit-2 ta’ Jannar 2012. Illi ghalkemm din in-nota giet prezentata tardivament u minghajr ma giet ottjenuta l-awtorizzazzjoni tal-qorti ghall-prezentata taghha tali nota xorta wahda se tigi ammessa.

Rat li fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2012 il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza peress li ghalkemm giet prezentata risposta guramentata minn Elizabeth Everett u Raymond Zammit Haber fl-atti ma kienx jirrizulta li Elizabeth Everett giet notifikata bir-rikors guramentat.

Rat li fis-seduta tas-16 ta’ Marzu 2012 il-kawza giet differita ghan-notifika ghall-11 ta’ Mejju 2012.

Rat li fl-10 ta’April 2012 Elizabeth Everett tat ruhha notifikata bir-rikors guramentat promotur u aderixxiet pjenament ghal kull buon fini ghar-risposta guramentata

tal-konvenuti mahlufa u pprezentata minn Raymond Zammit Haber, kif ukoll ghall-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenjenti.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2012 il-kawza giet differita ghal sentenza in parte li kellha tinghata fid-differementi precedenti ghat-8 ta' Gunju 2012.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din is-sentenza se titratta l-ewwel tlett eccezzjonijiet li l-attur rikonvenut ressaq ghall-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenjenti.

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu ghar-rikonvenzjoni proposta, l-attur eccepixxa n-nullita' tal-kontro-talba billi m'hemmx in-ness volut mil-ligi bejn it-talba tal-attur u dik tal-konvenuti biex tiggustifika l-ghemil ta' tali talba.

Illi jehtieg ghalhekk li fl-ewwel lok issir referenza ghall-insenjamenti li jemanaw kemm mill-gurisprudenza kif ukoll mill-awturi dwar din il-materja.

Illi l-artikolu 396 tal-Kap.12 jiddisponi li kontro-talba hija permessa (a) meta tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur; jew (b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Mario Cassar et vs Cole Foods Limited**[1] gie rilevat illi tali kontro-talba hija permessa meta hemm:-

[1] Cit Nru: 634/98RCP deciza fis-7 ta' Dicembru, 1999; Ara wkoll **Paul Bezzina et vs Eagle Beams Ltd et,** Cit Nru: 881/97RCP deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998

(i) *La communanza di origine delle causi e vi e` communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolu, ovvero;*

*(ii) La eliminazione reciproca delle due domande che esiste non solo in caso di pretesa compensazione, ma anche quando le domande dell' attore verebbe a esser in qualche altro modo perente, ovvero benche il vincolo permanga, pure non posse produrre ulteriori effetti*[2]*.*

Illi anki fis-sentenza **Gasan Insurance Agency Ltd noe vs Simon Soler et**[3] gie ritenut li:-

*"Effettivament l-estremi rikjesti ghar-rikonvenzjoni skond l-imsemmi artikolu jikkonsistu fl-ispjega elokwenti li nsibu fid-decizjoni klassika fuq din il-materja, riportata a Vol XXVII p1 p895:*

*(i) 'nella comunanza di origine delle due cause', ovvero;*

*(ii) nella eliminazione reciproca delle due domande.*

Illi fis-sentenza **Joseph Scerri vs Anna Fenech et**[4] il-qorti ghamiltha cara *li l-fatt li l-ghan ta' parti mharrka jkun li ggib fix-xejn azzjoni mressqa konriha ma jirrendix gustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att gudizzjarju fl-ghamla ta' rikonvenzjoni. L-istess ghan jintlahaq b'nota tal-eccezzjonijiet. Ma kien qatt il-hsieb tal-legislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bhala strument ordinarju li bih kull kawza tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju procedurali li ghandu hsieb u ghan specifiku, u kemm hu hekk hija wahda minn dawk il-proceduri li l-Kodici ssejjah 'specjali'.*

---

[2] Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Charles Darmanin nomine deciza fl-24 ta' Frar 1930
[3] App Civili Nru: 863/99PS deciz fit-22 ta' Novembru, 2002
[4] Cit Nru: 1672/2001JRM deciza fit-3 ta' Lulju, 2003

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Air Malta p.l.c. vs Lawrence Borg noe**[5] il-Qorti dwar it-tifsir tal-konnessjoni mehtiega mal-azzjoni attrici biex tista' triegi l-kontro-talba tenniet li wiehed irid izomm quddiem ghajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahedhom f'ezistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija. Ghalhekk, b' 'konnessjoni' wiehed certament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha (Ara per ezempju, App. iv. 5/10/2001 fi-kawza fl-ismijiet **Sammy Meilaq noe vs Oral Attinel pro et**). Izda l-elementi li trid il-ligi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss.

Illi fis-sentenza appena citata l-Qorti qalet ukoll li *huwa stabilit li b' 'fatt' wiehed jifhem dik il-gabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta guridika (Ara Digesto Italiano (Vol IX) Voce 'Fatto' pa 548-9 u App. Kumm 6/02/1985 fil-kawza fl-ismijiet **Maria Grazia Fava vs Salvino Farrugia** (mhix pubblikata)).*

Illi imbaghad kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Tonna vs Alfred Debattista et**[6] *f'decizjonijiet ohra pero' jidher li l-interpretazzjoni li nghatat kienet pjuttost aktar wiesgha, tant li nghad li kemm-il darba jirrizultaw dawn il-kundizzjonijiet, tali kontro-talba hija wkoll ammessa, anke meta (a) ikun hemm azzjoni kambjarja **"Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et"** P.A. (RCP) 4 ta' Dicembru 1998; **"Dr. David Tonna nomine vs Boris Arcidiacono nominee"**– A.K. 28 ta' Novembru 1988; **"Edgar Camilleri noe vs David Cilia"** - K.A.M. 18 ta' Marzu 1994; **"Dr. Toni Abela vs Carmelo Calabretta"** (K. 6 ta' Frar 1991); (b) meta ghalkemm hemm zewg konvenuti giet ippresentata minn konvenut wiehed, (**"Nicholas Ellul vs Mary Cutajar et"** – P.A. (FGC) 15 ta' Mejju 1998; **"Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et"**) imbasta tali konvenuti li pproponew il-kontro-talba jagixxu fl-istess kwalita` li fiha gie mharrek*

[5] Cit Nru: 791/2003JRM deciza fit-30 ta' Gunju, 2004
[6] Cit Nru: 1074/2005RCP deciza fit-3 ta' Mejju, 2007

(***"Francesco Chetcuti vs Mary Friggieri"*** *- A.D. 24 ta' Mejju 1991)*.

Illi ghar-rizoluzzjoni tal-kwezit inkwistjoni wiehed irid ihares lejn ir-rikors mahluf kif ukoll lejn in-natura tal-kontro-talba.

Permezz tar-rikors mahluf l-attur ippremetta li z-ziju tieghu Francesco Luciano Zammit Haber li miet guvni u *improle* rregola l-wirt tieghu permezz ta' tlett testmenti. F'dawn it-testmenti id-*decujus* halla diversi legati lill-attur (u anki lill-konvenuti u ahwa ohra tal-partijiet) u nnomina bhala eredi universali tieghu lin-neputijiet kollha tieghu ossija lill-attur innifsu, liz-zewg konvenuti odjerni u lil Patricia Fenech, John u Zakkarija Zammit Haber, ad eccezzjoni ta' Joan Zammit Haber. Fost id-diversi legati thalliet lilu in piena proprjeta' d-dar numru 2, Pjazza San Gwann il-Battista, Xewkija, Ghawdex bl-ghamara u l-oggetti kollha mobbli, inkluzi kotba, dokumenti, flus kontanti, titoli li jirrapprezentaw flus, oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz, u kull haga ohra li fl-epoka tal-mewt tieghu jkunu jinsabu fid-dar. L-attur kompla li l-eredi kollha ad eccezzjoni tal-konvenuti odjerni immittewh fil-pussess tal-legati kollha permezz ta' kuntratt tad-9 ta' Jannar, 2007 in atti Nutar Michael Refalo. Ghalhekk permezz tal-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti tordna lill-konvenuti sabiex jimmettu lill-attur fil-pussess ta' dan il-legat partikolari imholli lilu bit-testment tat-18 ta' Jannar 2000 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo.

Illi l-konvenuti in linea ta' eccezzjonijiet ressqu wkoll kontro-talba li permezz taghha qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex (i) tikkundanna lill-attur jimmittihom fil-pussess tal-legati kollha li gew imhollija lilhom mill-mejtin Francesco Luciano Zammit Haber u minn ohtu Agnese Zammit Haber; (ii) tordna lill-attur jaghtihom rendikont tac-cnus, kirjiet u qbiela derivanti mill-wirt ta' l-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber li ngabru minnu wara l-mewt taghhom; (iii) jaghtihom access ghad-dokumenti kollha li huwa ghandu fil-pussess tieghu dwar il-proprjetajiet li kellhom il-mejta.

Illi jehtieg ukoll li jigu kkunsidrati s-segwenti:

- Francesco Luciano Zammit Haber irregola l-wirt tieghu permezz ta' tlett testmenti. Huwa fatt mhux kontestat li f'dawn it-testmenti thallew diversi legati kemm lill-attur, lill-konvenuti u lin-neputijiet l-ohra tal-mejjet. Permezz ta' dawn it-testmenti d-decujus halla bhala eredi universali tieghu lin-neputijiet tieghu ad eccezzjoni ta'Joan Zammit Haber.

- Ghalhekk jirrizulta li l-kontendenti f'din il-kawza huma kemm eredi tal-mejjet kif ukoll legatarji.

- L-attur qed jitlob li jigi immess fil-pussess mill-konvenuti ta' legat partikolari biss rizultanti minn testment partikolari li huwa dak tat-18 ta' Jannar 2000, mentri fil-fatt irrizulta li hemm diversi legati ohra favur tieghu naxxenti mill-istess testament u minn ohrajn li taghhom ma saritx l-immissjoni fil-pussess min-naha tal-konvenuti odjerni. M'hemmx dubju li l-attur f'din il-kawza qieghed jagixxi bhala legatarju kontra whud mill-eredi.

- Infatti rrizulta li l-eredi l-ohra immittew lill-attur fil-pussess tal-legati kollha mhollija lilu u dan permezz ta' kuntratt pubbliku fuq imsemmi.

- Il-konvenuti mhumiex joggezzjonaw ghall-immissjoni fil-pussess mitluba mill-attur pero' qed jorbtuha ma' kwistjonijiet ohra.

- Permezz tal-kontro-talba l-konvenuti qed jitolbu fl-ewwel lok lill-attur li jimmittihom fil-pussess tal-legati kollha mhollija lilhom minn Francesco Luciano Zammit Haber u ohtu Agnese Zammit Haber.

- Dan ifisser li fil-kontro-talba l-konvenuti qed jagixxu bhala legatarji kontra wiehed mill-eredi.

- Ghar-rigward ta' Agnese Zammit Haber jirrizulta li din irregolat il-wirt taghha permezz tat-testment taghha tad-29 ta' April, 1998. Huha Francesco Luciano Zammit

Haber gie nnominat bhala l-eredi universali taghha. Fl-istess testment imbaghad halliet diversi legati lin-neputijiet taghha li kellhom jigu percepiti minnhom wara l-mewt ta' huha sakemm ma jkunx iddispona mod iehor. Salv dan innominat bhala eredi universali taghha lin-neputijiet taghha ossija lill-kontendenti, lil Zakkarija u John u Patricia Fenech.

- Agnese Zammit Haber mietet qabel huha.

- Il-konvenuti qed jitolbu wkoll li l-attur jaghtihom rendikont tal-kirjiet, cnus u qbiela derivanti mill-wirt tal-ahwa Zammit Haber; kif ukoll li jinghataw access ghal cabreo sabiex jivverifikaw fhiex kienet tikkonsisti l-proprjeta' tal-wirt.

Illi l-attur qed isostni li permezz tal-kontro-talba taghhom il-konvenuti qed iressqu in verita' kumulu ta' azzjonijiet. B'referenza ghall-ahhar talba rrileva li huwa qieghed jitlob proprju li jigi immess fil-pussess taghhom minghandhom bhala eredi billi jifformaw parti mil-legat imholli lilu mertu tal-vertenza odjerna. Ghar-rigward tat-tielet u l-hames talbiet, l-attur sostna fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li dawn it-talbiet jinvolvu materja tal-wirt ta' l-ahwa Zammit Haber li ghadu llikwidu u mhux diviz u permezz tat-tielet talba qed tintalab divizjoni parzjali tal-eredita' tal-mejtin ahwa Zammit Haber. Oltre' dan, f'dan il-gudizzju m'hemmx l-eredi l-ohra.

Illi ghalhekk izid jargumenta li filwaqt li l-attur qieghed jitlob l-immissjoni fil-pussess ta' legat partikolari, il-konvenuti permezz tal-kontro-talba taghhom qed jitolbu divizjoni parzjali mhux biss tal-eredita' ta' Francesco Luciano Zammit Haber izda wkoll tal-eredita' ta' Agnese Zammit Haber. Dwar din ta' l-ahhar Agnese Zammit Haber ma tiffigurax fil-premessi u t-talbiet tieghu. Dan kollu jwassal ghall-konkluzjoni li wiehed ma jistax jirreferi ghall-istess 'fatt'. L-attur jargumenta li f'dan il-kaz il-'fatt' huwa l-artikolu partikolari tat-testment li bis-sahha tieghu d-decujus halla l-legat.

Illi l-konvenuti min-naha taghhom jargumentaw li l-'fatt' m'ghandux jigi interpretat b'mod daqstant ristrett. Isostnu li t-testment ta' Francesco Luciano Zammit Haber li hatar lill-kollitiganti werrieta ta' gidu in generali kif ukoll legatarji ta' oggetti separati u distinti mill-istess wirt johloq l-istess rapport guridiku bejn il-partijiet. Minn dan ir-rapport guridiku uniku jitnisslu diversi drittijiet 'coesistenti ma non escludendosi' (Chiovenda) cjoe' d-dritt tal-attur gahll-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lilu u d-dritt tal-konvenuti ghall-immissjoni tal-legat imholli lilhom. Skont huma lanqas hemm dubbju li hemm konnessjoni ta' fatt bejn il-legati mhollija fit-testment ta' Agnese Zammit Haber u dawk imhollija fit-testment ta' huha Luciano Zammit Haber in kwantu jirreferu ghall-istess proprjeta' tal-familja Zammit Haber li baqghu indivizi sal-mewt tal-awruri tal-kontendenti. Inoltre' iz-zewgt ahwa Zammit Haber kienu qed jiddisponu mill-wirt taghhom kontestwalment u uniformament sakemm mietet Agnese Zammit Haber u l-kwistjonijiet rigwardanti l-wirt tal-wahda huma intimament konnessi ma' dawk rigwardanti l-wirt ta' l-iehor. Il-konvenuti jsostnu wkoll li hemm konnessjoni ta' fatt rigward ir-rendikont li l-attur huwa mitlub jaghti tar-renti u cnus li gabar peress li dawn jitnisslu mill-istess ereditajiet tal-istess ahwa.

Illi din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-attur li fil-fatt il-kontro-talba hija kumulu ta' azzjonijiet ezercitati kollha f'daqqa u li lanqas ma huma konsegwenzjali ghal xulxin. Infatti fejn fl-ewwel zewg talbiet il-konvenuti qed jagixxu bhala legatarji, fit-tielet u fil-hames talba qed jagixxu bhala eredi. Fl-ewwel zewg talbiet qeghdin jitolbu li jigu immessi fil-pussess tal-legati kollha mhollija lilhom mhux biss mill-mejjet Francesco Luciano Zammit Haber izda wkoll minn ohtu Agnese sive Ines Zammit Haber. Kif diga' inghad l-attur qieghed jitlob l-immissjoni fil-pussess ta' proprjeta' wahda li thalliet lilu b'legat f' wiehed mit-testmenti minn Francesco Luciano Zammit Haber. Is-sitwazzjoni setghet kienet diversa li kieku l-attur kien qieghed jitlob li jigi immess fil-pussess tad-diversi legati mhollija lilu permezz tad-diversi testmenti izda l-azzjoni attrici ma saritx b'dan il-mod. Ghalkemm mhux kontestat li jezisti rapport guridiku bejn l-attur u l-konvenuti permezz tat-tlett testmenti

maghmula minn Francesco Luciano Zammit Haber u Agnese Zammit Haber dan ma jfissirx awtomatikament li l-kontro-talba saret skont il-ligi. L-attur kien specifiku fit-talbiet tieghu. Il-wirt u l-legati mhollija minn Agnese Zammit Haber ma jiffiguraw imkien fit-talbiet ta' l-attur.

Illi rigward it-tielet u l-hames talba ma jistax jinghad li joriginaw mill-istess 'fatt'. Huma kwistjonijiet assolutament diversi minn dawk li qed javvanza l-attur. Tant dan huwa minnu li anki ghar-rigward ta' provi mehtiega sabiex il-konvenuti jsahhu dawn it-talbiet taghhom  jirrikjedu provi differenti minn dawk li jehtiegu jitressqu mill-attur b'referenza ghat-talba tieghu.  Inoltre' permezz ta' dawn it-talbiet l-konvenuti rikonvenzjonanti qed jippruvaw idahhlu kwistjonijiet li jinvolvu materja tal-wirt tal-mejtin Francesco Luciano u Agnese Zammit Haber li ghadu llikwidu u mhux diviz. M'ghandhom x'jaqsmu xejn  mat-talba ta' l-attur ghall-immissjoni fil-pussess ta' proprjeta' imhollija lilu permezz ta' legat partikolari. Kif inhu maghruf mhux permess li tintalab divizjoni parzjali ta' eredita' u l-Qorti tasal biex taghti ragun lill-attur li l-konvenut proprju qed jippruvaw jittentaw jaghmlu dan permezz tat-talbiet taghhom. F'dan ir-rigward jinghad ukoll li lanqas l-eredi kollha tal-mejtin imsemmija mhuma parti minn dawn il-proceduri.

Ghalhekk in vista tas-suespost u minghajr pregudizzju ghall-jedd tal-konvenuti li, jekk jidhrilhom xieraq, iressqu proceduri opportuni, il-Qorti ssib li ma tezistix il-konnessjoni bejn l-azzjoni u t-talba rikonvenzjonali kif rikjesti mill-ligi u ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' l-attur ghall-kontro-talba ghandha tintlaqa'.

Illi ladarba l-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni m'ghandhiex ghalfejn tqis it-tieni u t-tielet eccezzjoni ta' l-attur ghall-istess kontro-talba.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti u ghaldaqstant tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Tordna li s-smigh tal-kawza jitkompla bil-gbir tal-provi tal-attur.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------